MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2008

Numru. 825/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**

**vs**

**Fabian Sciriha**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Fabian Sciriha ta’ 19-il sena bin Francis u Pauline nee’ Agius imwieled Pieta’ nhar il-15 ta’ Mejju 1985 u residenti fil-fond 13, Flat 5, Eagle Street, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 266885 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn it-28 u 29 ta’ Settembru, 2004 gewwa City Gate, Floriana u matul l-ahhar erba’ xhur (4) qabel dina d-data :

a) Bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, u cioe’ lill Elvik Ciantar kontra l-volonta’ tieghu u/jew taghha l-post biex fih din il-persuna giet arrestata, mizmuma jew issekwestrata, u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu. 9, tal-Ligijiet ta’ Malta ;

b) Fl-istess datat hin u cirkostanzi b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li kienu maghmulin b’ rizoluzzjoni wahda bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita’ tieghu nnifsu, lil Elvik Ciantar ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew b’ xi mod iehor, kontra l-Ligi, indahal fi hwejjeg hadd iehor, ai termini tal-Artikolu 85.

c) Fil-lejl ta bejn it-28 u d-29 ta’ Settembru, 2004 gewwa Rahal Gdid, u bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita’ tieghu nnifsu, indahal ghal hwejjeg ta’ hadd iehor fixkel lil Elvik Ciantar fil-pussess ta’ hwejgu, u cioe mobile phone tal-marka Nokia tip 3310 jew b’ xi mod iehor, kontra l-Ligi, indahal fi hwejjeg hadd iehor, ai termini tal-Artikolu 85.

d) Nhar l-24 ta’ Settembru, 2004 gol-Belt Valletta, seraq mobile phone tal-marka Samsung tip E700 li jiswa aktar minn mitt lira Maltin (Lm 100.00) pero’ inqas minn elf lira Maltin (Lm 1,000.00) ghad-detriment ta’ Ruth Bongalias liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, mil-persuna u lok ai termini tal-Artikoli 261 (c), (d), u (e).

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Mejju 2005 fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm previst fl-Artikoli 86, 85, 261(c),(d),(e), 267, 268, 269, 279, 280 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta' Mejju 2008 l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat hekk kif registrata waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2008 fejn huwa ammetta it-tieni, it-tielet, u r-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi kif intqal aktar il-fuq l-imputat ammetta it-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda mhux l-ewwel akkuza fejn huwa jinsab akkuzat bl-arrest illegali ta' Elvic Ciantar fil-lejl bejn it-28 d-29 ta' Settembru 2004 gewwa City Gate, Valletta.

Illi mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, u senjatament mix-xhieda ta' Elvic Ciantar, u cioe' il-vittma, kif ukoll mix-xhieda ta' Charles Borg (ara deposizzjoni relattiva esebita a fol. 56 sa 58 tal-process) jirrizulta li l-imputat effettivament gieghel lill-imsemmi Elvik Ciantar kontra l-

volonta’ tieghu jirkeb fil-vettura ta’ Charles Borg u jmur mieghu il-Hamrun u jigbed il-flus mill-ATM u jikkonsenja l-flus li kien gibed lill-imputat. Mix-xhieda tal-imsemmi Charles Borg jirrizulta li Elvik Ciantar kien imbezza u li huwa nizel mill-vettura izda l-imputat rega’ gieghlu jitla. Mix-xhieda tal-istess Elvic Ciantar (deposizzjoni relattiva esebita a fol. 19 sa 23 tal-process jirrizulta li l-imputat fil-fatt gieghel lil Ciantar jitla’ fil-karozza ta’ Borg u jmur mieghu il-Hamrun sabiex jigbed il-flus li beda jallega li dan Ciantar kellu jaghtih. Elvic Ciantar jghid li huwa kien imbezza hafna u prova jitla fuq il-karozza tal-linja sabiex jinghata l-ghajnuna izda l-imputat gibdu mill-glekk u geghlu jitla fil-vettura ta’ Borg. Fil-fehma tal-Qorti mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li jikkonkorru l-elementi kollha tar-reat ta’ arrest illegali kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-imputat qed jigi misjub hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja f’diversi okkazzjonijiet u li huwa inghata varji opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu. Il-Qorti kkunsidrat ukoll ix-xhieda tal-Probation Officer Marietta Lanzon li xehdet fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2008 fejn qalet li hija ilha ssegwi lill-imputat ghal dawn l-ahhar snin, li huwa ghandu problema serja mill-abbuz tad-droga, li huwa prezentement qed jiskonta piena karcerarja rigwardanti sentenza ohra moghtija fil-konfronti tieghu u li f’dawn l-ahhar xhur kien hemm kambjament ghall-ahjar fl-attegjament tal-imputat. War li kkunsidrat dan kollu l-Qorti jidrilha li m’ghandhiex triq ohra salv li timponi piena karcerarja effettiva fuq l-imputat izda qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha possibbli sabiex jeghleb il-problema li ghandu mill-abbuz tad-droga.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli kollha tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-25 ta’ Mejju 2005 kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax (13)-il xahar prigunerija mill-

liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa skonta taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------